Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni

(2022/C 97/10)

Relatur:	Tadeusz TRUSKOLASKI (PL/AE), Sindku tal-Belt ta' Białystok
Dokument ta' referenza:	COM(2021) 373 final

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Introduzzjoni

1. iqis li s-Suq Uniku Ewropew huwa wieħed mill-akbar kisbiet tal-Unjoni Ewropea, u li l-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) għandha l-għan li żżomm ekonomija tas-suq miftuħa b'kompetizzjoni ħielsa, ġusta u effettiva, li twassal għal allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u tippromovi l-innovazzjoni;

2. japprezza l-isforzi li saru s'issa mill-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-Parlament Ewropew (PE) biex jistabbilixxu politika tal-kompetizzjoni tal-UE ċara, trasparenti u effettiva;

3. jenfasizza li r-rikonċiljazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE mal-politiki industrijali, diġitali, ambjentali, dwar il-klima, soċjali u dawk dwar il-kummerċ internazzjonali tagħha hija essenzjali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-setturi kollha u b'dan il-mod tiġi żgurata l-kompetittività globali, u b'hekk jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-SMEs;

4. jilqa' r-Regolament (UE) 2019/452 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni, kif ukoll il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fir-rigward tas-sussidji barranin;

5. jaqbel mad-dikjarazzjonijiet li jenfasizzaw l-aċċess limitat tal-konsumaturi għal informazzjoni online sħiħa dwar prodotti u servizzi minħabba l-għadd limitat ta' ekosistemi u pjattaformi diġitali disponibbli, b'disponibbiltà dgħajfa ta' traduzzjonijiet għal lingwi nazzjonali;

6. jilqa' l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-inizjattiva "Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni" (IPCEI);

7. jirrimarka li l-objettivi tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għandhom iqisu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-SMEs, inklużi dawk taż-żoni rurali u ż-żoni inqas żviluppati, u joħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti u ġusti ta' kompetizzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE;

8. jenfasizza li huwa partikolarment importanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li jiżguraw li l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE tittejjeb, peress li l-ugwaljanza bejn l-intrapriżi hija element essenzjali u waħda mill-prijoritajiet għall-funzjonament tas-suq intern;

Il-kompetittività tal-UE u l-appoġġ għan-negozji b'rabta mal-pandemija

9. iqis li kwalunkwe għajnuna relatata mal-COVID-19 trid tingħata biss lin-negozji li qed jesperjenzaw l-impatt finanzjarju immedjat tal-pandemija u li, b'riżultat ta' dan, mhumiex profittabbli;

10. jirrimarka li miżuri finanzjarji temporanji li jirrispondu għall-pandemija m'għandhomx jintużaw minn kumpaniji mhux profittabbli li ma jikkommettux ruħhom għall-objettivi klimatiċi tal-UE, li huma fil-proċess ta' falliment jew ristrutturar kbir, jew li jeħtieġu ristrutturar, sakemm dawn ma kinux diġà bdew qabel ma bdiet il-pandemija;

11. jiġbed l-attenzjoni għal-linji ġenerali ta' riforma globali tat-taxxa korporattiva miftiehma mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 f'Ottubru 2021; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi miżuri konkreti għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda fl-UE malli jiġu konklużi n-negozjati, u jappella b'urġenza għal sforzi biex tkompli tiġi żviluppata l-liġi tat-taxxa globali, filwaqt li jitqiesu n-negozji ta' kull daqs;

12. jirrikonoxxi li l-għajnuna pubblika għandha titfassal u tingħata b'mod li jkun kemm trasparenti kif ukoll responsabbli soċjalment, ekonomikament u ambjentalment;

13. jilqa' r-restrizzjonijiet diġà stabbiliti mill-Kummissjoni rigward, inter alia, il-ħlas ta' dividendi u bonusijiet, jew it-tifdija tal-ishma ta' negozji li jirċievu għajnuna;

14. iħeġġeġ il-ħolqien ta' mekkaniżmi li jiffaċilitaw il-funzjonament fi żminijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku b'riżultat ta' kriżijiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi (bħal fil-każ tal-pandemija tal-COVID-19), iżda li jnaqqsu s-sehem ta' finanzjament dirett li jfixkel b'mod artifiċjali r-relazzjonijiet tas-suq;

15. jinnota li d-disturbi fl-ambjent operattiv ikkawżati, inter alia, minn diversi tipi ta' kriżijiet, jinkoraġġixxu lin-negozji biex jorganizzaw mill-ġdid is-suq b'mod kuntrarju għall-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, li jwassal, pereżempju, għall-konklużjoni ta' ftehimiet dwar il-volum tal-produzzjoni u/jew dwar żieda fil-profittabilità; madankollu, dan huwa pprojbit mir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u fl-aħħar mill-aħħar iwassal biex l-ispejjeż tal-kriżi jgħaddu għand il-konsumaturi;

16. jenfasizza li l-objettiv primarju, anke f'kundizzjonijiet ta' kriżi, jibqa' li jiġi żgurat li l-konsumaturi jibbenefikaw minn swieq kompetittivi biss jekk dawn joffru prezzijiet ġusti u għażla wiesgħa ta' prodotti ta' kwalità għolja;

17. jemmen li l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji fis-Suq Uniku huwa kruċjali speċjalment għall-SMEs, inkluż għall-ħolqien tal-innovazzjoni, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi ġodda u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli fl-UE;

18. jistieden lill-KE timmonitorja l-użu u d-distribuzzjoni ta' diversi fondi tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19, inkluż permezz tal-pjani nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri, li jridu jikkonformaw mar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat;

19. jistenna azzjoni *ex ante* dwar strateġiji ta' kriżi; l-ippjanar tal-politika tal-kompetizzjoni għandu jkun koerenti u konsistenti fi ħdan orizzont ta' teħid ta' deċiżjonijiet fit-tul.

Oqsma ġodda tas-suq Ewropew

20. jilqa' l-proposta tal-KE għal Att dwar is-Swieq Diġitali u jenfasizza l-urġenza li jinħoloq ambjent kummerċjali ġust għall-utenti kummerċjali li jiddependu mill-"gwardjani" sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ħielsa anke online;

21. jistieden lill-KE, l-Istati Membri u r-reġjuni jżidu l-isforzi tagħhom biex jippromovu t-trasferiment tat-teknoloġija, sabiex jappoġġjaw il-bini ta' katini tal-ħolqien tal-valur tal-UE u jimmassimizzaw l-użu tal-kapital disponibbli; għandu jingħata appoġġ speċjali lir-reġjuni inqas żviluppati, periferiċi, ultraperiferiċi, u insulari;

22. jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni hija partikolarment importanti għall-SMEs, peress li tipprovdi aċċess għal swieq usa' u telimina l-problemi spazjali li jirriżultaw minn żvantaġġi ġeografiċi; il-fondi tal-UE għandhom jingħataw lill-SMEs, speċjalment dawk li jinsabu f'żoni rurali u żoni inqas żviluppati sabiex jiddiġitalizzaw l-attivitajiet tagħhom. Barra minn hekk, l-SMEs għandhom jingħataw informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' diġitalizzazzjoni fil-livell tal-UE. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol ewlieni fit-tixrid ta' din l-informazzjoni;

23. iqis li l-iżvilupp tal-UE li jwassal għat-trasformazzjoni diġitali jesiġi li tittieħed azzjoni kontra strutturi monopolistiċi;

24. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza partikolari tal-projbizzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti (Artikolu 102 tat-TFUE) b'rabta mal-attivitajiet kemm tal-entitajiet esterni kif ukoll fi ħdan l-UE; dan huwa partikolarment importanti f'oqsma emerġenti tas-suq bi tkabbir dinamiku li mhumiex formalizzati jew immonitorjati tajjeb;

25. jirrimarka li l-penali finanzjarji imposti għal ksur ta' kundizzjonijiet kompetittivi huma parti biss mis-soluzzjoni u, b'mod partikolari, l-Att il-ġdid dwar is-Swieq Diġitali għandu jwaqqaf lill-gwardjani milli jinvolvu ruħhom fi prattiki illegali biex jiksbu vantaġġ kompetittiv; jikkritika l-fatt li l-ispejjeż imġarrba mill-penali tal-kompetizzjoni huma mgħoddija lill-konsumaturi, u fl-aħħar mill-aħħar tinħoloq sitwazzjoni fejn iċ-ċittadini tal-UE huma l-uniċi vittmi;

26. jenfasizza li d-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għandu d-dipartiment tiegħu stess għall-affarijiet diġitali, li wettaq numru ta' inkjesti settorjali f'dawn l-aħħar snin (eż. l-inkjesta settorjali dwar il-kummerċ elettroniku u l-inkjesta settorjali dwar l-Internet tal-Oġġetti b'rabta mal-konsumatur), li wassal ukoll għall-proposta għal Att dwar is-Swieq Diġitali; jistenna li d-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni jinkorpora r-riżultati tal-investigazzjonijiet tal-antitrust fl-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

27. jaqbel mal-PE li r-riżorsi attwali tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (DĠ COMP) tal-KE mhumiex biżżejjed fir-rigward tal-ammont ta' xogħol u l-isfidi li qed jiffaċċja;

28. jirrikonoxxi l-isfidi li jirriżultaw mill-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni, speċjalment fil-qasam tas-suq diġitali, fejn iseħħu l-konċentrazzjoni, l-aggregazzjoni u l-użu ta' data fi swieq bi prezzijiet żero, u jintużaw algoritmi ta' pprezzar inġusti, speċjalment minn pjattaformi kbar; f'dan ir-rigward, jilqa' l-fatt li l-Att dwar is-Swieq Diġitali fost affarijiet oħra għandu l-għan li jiżgura li s-servizzi u l-prodotti offruti minn pjattaforma bi rwol ta' gwardjan innifisha jiġu ttrattati l-istess bħal servizzi u prodotti simili offruti minn partijiet terzi fuq il-pjattaforma tal-gwardjan, u b'hekk jiggarantixxi kompetizzjoni ħielsa;

29. jistenna li l-KE taħdem biex tadatta r-reġistru dwar l-organizzazzjonijiet li jagħmlu lobbying għal soluzzjonijiet diġitali speċifiċi f'isem atturi mhux tal-UE u dwar it-trasparenza tas-sorsi ta' finanzjament tagħhom;

30. jilqa' l-valutazzjoni tal-KE tal-ħtieġa għal għodod ġodda biex tiġi żgurata l-effettività tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, li huma partikolarment meħtieġa f'oqsma ġodda tas-suq li għadhom qed jitfaċċaw u li mhumiex deskritti tajjeb;

31. jaqbel li l-konsumaturi ftit li xejn għandhom kontroll fuq id-data u l-identità diġitali tagħhom stess, speċjalment peress li l-biċċa l-kbira tal-fornituri tas-servizzi diġitali jeħtieġu l-kunsens mingħajr ma jħallu għażla lill-konsumaturi jekk ma jridux jitilfu l-aċċess għal ċerti servizzi;

32. iħeġġeġ lill-KE toħloq leġiżlazzjoni li tobbliga lid-detenturi tad-data jħassru d-data meta l-konsumaturi ma jkunux użaw is-servizzi tagħhom għal ċertu perjodu ta' żmien (eż. sena);

33. jesprimi l-appoġġ tiegħu għal azzjonijiet favur servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, li għadhom essenzjali għas-sopravivenza ta' għadd ta' komunitajiet madwar l-Ewropa, speċjalment f'reġjuni iżolati, remoti jew periferiċi tal-Unjoni;

34. jirrimarka li xi strutturi oligopolistiċi żviluppaw fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u li xi kumpaniji teknoloġiċi kbar saru atturi importanti fis-suq tas-servizzi finanzjarji, li jirrikjedi arranġamenti ta' kontroll u salvagwardja għall-konsumaturi; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-importanza li jiġi applikat l-Artikolu 102 tat-TFUE għas-servizzi online ukoll, sabiex fornituri żgħar minn bliet u reġjuni li joffru s-servizzi u l-prodotti tagħhom online ma jsofrux minn żvantaġġ kompetittiv;

35. jistieden lill-KE tirrevedi d-Direttiva dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, peress li l-protezzjoni eżistenti tal-konsumatur mhijiex biżżejjed u l-aċċess għall-informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt ta' diversi fatturi fuq il-varjabbiltà tal-prodotti huwa baxx wisq;

36. jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga klawżoli u prattiki inġusti, b'mod partikolari fil-kuntratti tal-konsumatur fis-settur bankarju, peress li s-settur bankarju, minkejja l-importanza konsiderevoli tiegħu, irid jiġi ttrattat l-istess bħal oqsma oħra tas-suq;

37. jenfasizza l-ħtieġa li l-kontribwenti u l-klijenti tal-banek jiġu protetti mill-piż tas-salvataġġ tas-sistema finanzjarja.

Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE fil-konfront ta' pajjiżi terzi

38. jingħaqad mas-sejħa tal-PE biex jissaħħu l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ biex jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali inġusti u tiġi salvagwardjata l-kompetittività tal-industrija Ewropea;

39. jistenna li ssir ħidma fuq il-bidirezzjonalità tal-politika tal-kompetittività tal-UE sabiex fil-qafas tas-Suq Uniku jkun hemm garanziji ta' libertà u mekkaniżmi għall-prevenzjoni tal-konċentrazzjoni, inkluż il-ħolqien ta' monopolji, u li jinbena bilanċ bejn is-saħħa fis-suq tax-xerrejja u l-bejjiegħa, flimkien ma', fir-rigward ta' pajjiżi terzi (eż. iċ-Ċina, l-Istati Uniti), mekkaniżmi ekwivalenti għal mudelli ta' promozzjoni tal-esportazzjoni;

40. jirrimarka li fil-ġlieda kontra l-monopolizzazzjoni tas-suq Ewropew għandu jsir l-istess sforz fir-rigward kemm ta' operaturi tal-UE kif ukoll ta' dawk li mhumiex; illum il-ġurnata, speċjalment fil-qasam tal-kummerċ elettroniku, hemm diversi disfunzjonijiet li jirriżultaw mill-monopolizzazzjoni tat-teknoloġiji diġitali avvanzati mill-korporazzjonijiet tal-Istati Uniti u taċ-Ċina;

41. jistenna li l-politika industrijali tiġi żviluppata b'tali mod li taħdem bħala għodda għall-konverġenza tar-reġjuni u tappoġġja riallokazzjoni spazjali effiċjenti tar-riżorsi mingħajr distorsjoni tal-kompetizzjoni;

42. jistieden lill-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għar-rwol ta' intrapriżi statali barranin, li jiġu appoġġjati u ssussidjati mill-gvernijiet rispettivi tagħhom b'mod li r-regoli tas-Suq Uniku tal-UE jipprojbixxu għall-operaturi fi ħdan l-UE;

43. jitlob trattament ugwali tal-imsieħba kummerċjali tal-UE, u għalhekk jistenna li l-Kummissjoni tifformalizza regoli li jiggarantixxu kundizzjonijiet uniformi fir-rigward tal-aċċess għas-suq, il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat; kwalunkwe ksur tal-kundizzjonijiet għandu jinvolvi s-sospensjoni tal-kummerċ fuq termini speċjali, sabiex it-theddida ta' sanzjonijiet ikollha dimensjoni ta' inċentiv;

44. jinnota li l-attivitajiet attwali li jiffavorixxu l-kompetizzjoni juru li l-atturi mhux tal-UE mhumiex qed isegwu l-istess regoli u qed jirċievu appoġġ qawwi mill-Istat, fost affarijiet oħra, inkluż appoġġ finanzjarju. Dan jirrikjedi li l-liġi Ewropea tal-kompetizzjoni tkun aktar flessibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, peress li ma tqisx biżżejjed in-natura tal-kompetizzjoni li jiffaċċjaw il-kumpaniji Ewropej f'pajjiżi terzi fejn l-istess regoli mhumiex rispettati;

45. jitlob li l-ħidma fuq il-politika kummerċjali tal-UE tissaħħaħ aktar minflok issegwi swieq oħra bħall-Istati Uniti, peress li l-formula użata s'issa hija konsistenti mal-konvinzjonijiet taċ-ċittadini tal-UE u t-tradizzjonijiet tal-intraprenditorija; jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ il-politika kummerċjali tagħha sabiex tkun aktar assertiva f'termini ta' reċiproċità fl-aċċess għas-suq u l-kontroll tas-sussidji industrijali;

46. iħeġġeġ l-estensjoni tal-mudell ta' kontroll għall-konċentrazzjoni tal-kapital; għandha tingħata attenzjoni għall-espansjoni li dejjem qed tikber tiegħu, li twassal mhux biss għall-ħolqien ta' monopolji tas-suq, iżda wkoll iżżid l-okkupazzjoni vertikali u orizzontali tas-suq, li għandha impatt negattiv fuq id-dekonċentrazzjoni tal-katini tal-valur;

47. it-tilħiq tal-objettivi tal-indirizzar tal-inugwaljanzi soċjali u l-kriżi klimatika, it-titjib tal-istandards ambjentali, it-titjib fit-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima u l-protezzjoni tal-konsumatur ilkoll jeħtieġu azzjonijiet li jittrattaw b'mod strett kwalunkwe ksur tal-kundizzjonijiet applikabbli dwar il-produzzjoni, l-impjieg, l-ambjent, eċċ. mill-fornituri barra mill-UE.

Il-futur tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE

48. jirrimarka li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit li jirregolaw is-sorveljanza ta' għajnuna/sussidji mill-Istat jimponu restrizzjonijiet sinifikanti fuq iż-żewġ partijiet fir-rigward ta' sussidji pubbliċi; filwaqt li d-dispożizzjonijiet jiżguraw li l-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE tkompli tistabbilixxi standards għal kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, l-Artikoli 3.4.2 u 3.5 tal-ftehim jistipulaw li ċerti tipi ta' sussidji m'għandhomx jingħataw mill-partijiet jekk għandhom jew jista' jkollhom effett "materjali" fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-partijiet; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib il-konformità tar-Renju Unit ma' dawn id-dispożizzjonijiet biex tevita kull dumping ta' sussidji mir-Renju Unit;

49. jinkoraġġixxi azzjoni aktar radikali kontra l-bojkott, il-falsifikazzjoni u l-imitazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni frawdolenti tal-prodotti u s-servizzi tal-Istati Membri fis-suq globali; l-SMEs għandu jkollhom appoġġ ċar mill-istituzzjonijiet Ewropej fis-swieq barranin;

50. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' demarkazzjoni ċara bejn l-objettivi tal-politika tal-kompetizzjoni, li għandhom jiġu applikati l-ewwel u qabel kollox fis-Suq Uniku Ewropew, u politika industrijali mmirata biex tappoġġja entitajiet li jidħlu f'kompetizzjoni fis-suq globali;

51. iqis li azzjoni fit-tul skont il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għandha ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-katini tal-valur miżjud sabiex titnaqqas id-dipendenza minn operaturi minn pajjiżi terzi u, fejn dan ma jkunx possibbli, biex jiġi garantit grad għoli ta' diversifikazzjoni tal-fornituri;

52. jenfasizza li r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat iridu jkunu konsistenti mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija Diġitali tal-UE, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; jenfasizza li l-Istati Membri huma responsabbli biex jiddeterminaw it-taħlita tal-enerġija, iżda jiddispjaċih li għadd ta' Stati Membri ma jagħmlux l-għajnuna mill-Istat kondizzjonali fuq dawn l-għanijiet;

53. jilqa' l-fatt li l-istudju reċenti mħejji għall-Kummissjoni dwar ix-xejriet tas-suq fil-qasam tal-kura tas-saħħa u tal-akkomodazzjoni soċjali u dwar l-implikazzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat, imwettaq fil-kuntest ta' valutazzjoni kontinwa tal-pakkett tas-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali tal-2012 dwar il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni soċjali ([1]), jappoġġja b'mod ġenerali t-talbiet li għamel il-KtR fl-Opinjoni tiegħu ta' Ottubru 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat u s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([2]), u b'mod partikolari ż-żewġ punti li ġejjin: 1) il-limitu de minimis ta' EUR 500 000 jintlaħaq faċilment u, meta titqies iż-żieda globali fl-appoġġ tal-għajnuna mill-Istat lis-setturi, għandha titqies żieda tal-limitu għal raġunijiet ta' proporzjonalità; 2) id-definizzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali mhijiex ċara, peress li ma hemm l-ebda definizzjoni unika ta' akkomodazzjoni soċjali fl-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, jidher li d-definizzjoni attwali m'għadhiex tajba peress li l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni għal akkomodazzjoni affordabbli qed jiżdiedu. Għalhekk, il-KtR itenni t-talba tiegħu biex mid-definizzjoni titneħħa r-referenza restrittiva żżejjed għal "persuni żvantaġġati u (…) gruppi soċjalment inqas vantaġġati";

54. jistieden lill-KE timmonitorja u tinvestiga bir-reqqa l-impatt tal-atturi finanzjarji, speċjalment il-pjattaformi diġitali, fuq il-kompetizzjoni tas-suq u d-deċiżjonijiet tal-konsumatur;

55. jirrimarka li l-qafas tal-għajnuna mill-Istat tal-UE biex jappoġġja t-trasformazzjoni gradwali ta' industriji primarji li jużaw ħafna enerġija li jiddependu minn kummerċ barrani fi proċessi b'livell baxx ta' karbonju u newtrali fil-karbonju jeħtieġ li jiġi rivedut b'mod fundamentali. Jeħtieġ li jingħata appoġġ mhux biss għall-investimenti iżda wkoll għall-ispejjeż operattivi. Il-programmi ta' finanzjament Ewropej u nazzjonali għandhom għalhekk ikollhom riżorsi suffiċjenti u jkunu jistgħu jiġu kkombinati. Kuntratti klimatiċi bbażati fuq proġetti li jinvolvu garanzija tal-gvern fit-tul fir-rigward tal-ipprezzar tas-CO_2 jistgħu wkoll jagħmlu kontributi sinifikanti għat-trasformazzjoni industrijali;

56. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jinħolqu u jiġu applikati għodod effettivi biex issir pressjoni fuq atturi interni u esterni li ma jikkonformawx mar-regoli tal-kompetizzjoni;

57. iqis li l-infurzar strett u imparzjali tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE minn awtoritajiet tal-kompetizzjoni indipendenti huwa kruċjali għan-negozji Ewropej li joperaw fis-suq intern u fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari għall-SMEs, u għalhekk iħeġġeġ fermezza akbar meta jiġu imposti sanzjonijiet fuq dawk li jiksru r-regoli stabbiliti;

([1]) https://ec.europa.eu/competition-policy/system/files/2021-09/kd0621047enn_SGEI_evaluation.pdf
([2]) https://webapi2016.COR.europa.eu/v1/documents/cor-2016-01460-00-00-ac-tra-en.docx/content

58. itenni l-appell tiegħu għal ambizzjoni akbar meta jiġu implimentati soluzzjonijiet ġodda, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw in-newtralità klimatika tal-ekonomija Ewropea, kif ukoll għal turija ta' kuraġġ huma u jsaħħu direttament l-uniformità tas-Suq Uniku;

59. jinkoraġġixxi miżuri li jorbtu l-politika ta' koeżjoni u l-politika tal-kompetizzjoni, sabiex l-appoġġ eventwali jkun assoċjat mal-armonizzazzjoni tar-regoli u l-prinċipji għall-operaturi fis-Suq Uniku; f'dan ir-rigward, jilqa' l-flessibilità introdotta b'rabta mal-pandemija COVID-19 f'termini ta' għajnuna mill-Istat għall-politika reġjonali; jiġbed l-attenzjoni għall-istħarriġ tal-Kummissjoni COTER tal-KtR fir-rigward tal-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Fondi Strutturali dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament għall-programmi CRII u CRII+, li wrew li l-maġġoranza tal-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Fondi Strutturali appoġġjaw żieda temporanja fil-limitu de minimis għall-għajnuna mill-Istat;

60. filwaqt li jirrikonoxxi li n-negozji Ewropej għandhom ikunu jistgħu jikkompetu fis-swieq globali fuq l-istess livell, jistieden lill-KE tadatta l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE u l-għajnuna mill-Istat sabiex tippromovi l-iżvilupp industrijali, b'mod partikolari f'oqsma bl-ogħla livell ta' eċċellenza teknika u teknoloġika, u biex tappoġġja bis-sħiħ l-espansjoni tan-negozji Ewropej barra mis-Suq Uniku;

61. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tipproponi emendi għar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER), sabiex jiġi ffaċilitat aktar l-appoġġ pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE ([3]); jenfasizza li l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' għajnuna mir-rekwiżit ta' notifika tagħmilha ħafna aktar faċli għall-Istati Membri li jagħtu għajnuna malajr jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex jiġu limitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern;

62. jisħaq dwar l-importanza li l-UE tibqa' ekonomija miftuħa u li tkompli tippromovi kummerċ internazzjonali liberu, ġust u sostenibbli li minnu jibbenefikaw l-imsieħba kummerċjali kollha; jappoġġja f'dan ir-rigward l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tirriforma d-WTO, u li l-għan tagħha jrid ikun li terġa' tagħti l-ħajja u ssaħħaħ id-WTO, fost l-oħrajn billi timmodernizza l-mod kif taħdem u timla l-lakuni fil-qafas regolatorju tagħha sabiex tkun tista' tindirizza b'mod adegwat l-isfidi attwali tal-politika kummerċjali;

63. itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa regoli aktar flessibbli u effettivi dwar l-għajnuna mill-Istat biex tiġi provduta assistenza finanzjarja, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-FEŻR u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, lill-ajruporti reġjonali li jinsabu f'reġjuni periferiċi, insulari jew ultraperiferiċi, jew inqas żviluppati, fejn ma teżistix alternattiva aktar effiċjenti u sostenibbli ([4]).

Brussell, it-2 ta' Diċembru 2021.

Apostolos TZITZIKOSTAS

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

([3]) Konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-6 ta' Ottubru 2021 bil-ħsieb li l-GBER rivedut jiġi adottat fl-ewwel nofs tal-2022.

([4]) COTER-VII-010, COR-2021-00471-00-00 Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Il-futur tal-ajruporti reġjonali – Sfidi u opportunitajiet.